MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 743/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Matthew PISANI [ID. Nru. 397886(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-29 ta' Ottubru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' sitt mija hamsa u erbghin euro u tmienja u disghin ċenteżmi ta' euro [€645.98c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija hamsa u erbghin euro tmienja u disghin centezmu (€645.98), skont l-annessi prospett markati Dok B, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-televizjoni, internet u tat-telefon kont numru A/C 40144922, moghtija mis-socjeta attrici u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna, wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-10 ta' April, 2013, nhar it-8 ta' Mejju, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-8 ta' Mejju, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sitt mija hamsa u erbghin euro u tmienja u disghin ċenteżmi ta' euro [€645.98c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------